**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 50**

**Data:** **22 ta' Marzu 2023**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

50.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

50.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

50.5 Korrispondenza u Rapporti;

50.6 Offerti;

50.7 Attivitajiet ta' l-Ghid;

50.8 Attivita' Infiorata;

50.9 Safra Awstralja / Tokyo;

50.10 Skeda ta’ Pagamenti;

50.11 Materji ohra;

50.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**50.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji**

50.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologija.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Tonio Mifsud irrefera ghal punt numru 49.10.1 fejn huwa qal li min-naha tieghu huwa ma qalx li ma kienx jaqbel imma li l-Kunsill ghandu jiehu parir. Il-Kunsill qabel ma’ dan il-bdil.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Is-Sindku qal li kif diga gew infurmati l-membri l-Ministru ghal Ghawdex flimkien mall-kumitat tal-Gozo Action Group ser ikunu qed izuru x-xogholijiet fuq il-progett tal-Family Meeting Hub u dak ta’ l-Astronomy Park. Huwa zied jghid li x-xogholijiet fuq l-istruttura tal-Astronomy Park huma stmat li jitlestew sa l-ahhar ta’ Marzu biex hekk kif jehilsu minn dawn issir l-installazzjoni ta’ l-*equipment.* Gie spjegat li dawn iz-zewg progetti t-tnejn ghandhom attivitajiet li jridu jigu organizzzati bhala parti mill-progett innifsu. Is-Sindku spjega li huwa diga ghamel kuntatt ma’ l-Universita’ ta’ Malta sabiex dawn jigu nvoltu fejn jirrigwardja l-Astronomy Park. Fir-rigward tal-Family Meeting Hub, trid issir skeda ta’ kif ser ikun qed jiffunzjona. Is-Sindku qal li l-Astronomy Park ser ikun jista jahdem b’mod remot u hekk ser jaghti il-possibilita’ li dawk entusjasti tal-astronomija kif ukoll l-Universita’ ta’ Malta kif ukoll Universita barranina sabiex ikunu jikkolegaw ma’ l-istrument. B’zieda mall-progett tal-Astronomy Park is-Sindku ssugerixxa li jitpogga ghamara fiz-zona tal-madwar biex tikkumplimenta l-progett. Din l-ghamara tista’ tkun parti mill-iskema tal-playing fields. Bhala attivitijiet tista’ ssir ghall-ahhar ta’ Mejju peress li dan huwa l-perijodu meta huwa previst li jghalqu l-progetti. Fuq nota ohra s-Sindku qal li l-bierah saret laqgha fuq il-kontijiet tal-meeting hub u dawn huwa previst li jigu prezentati waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel ma’ l-attivitajiet marbuta kif diskussi kif ukoll max-xiri ta’ ghamara bhala parti mill-progett ta’ l-astronomija li ghandha tigi nkluza ma’ l-iskema ta’ l-playing fields.

50.3.2 Is-Sindku qal li x-xogholijiet fuq il-librerija bdew ukoll pero’ tkun ideja tajba li ssir laqgha fuq kollox inkluz il-Meeting Hub, librerija u fuq il-faccata.

50.3.3 Progett iehor li ghaddej bhalissa huwa x-xogholijiet fi Triq l-Isqof M. Molina. Huwa previst li sa l-ahhar tax-xahar tkun lest ix-xoghol li ghaddejin fih bhalissa u wara tinbeda t-trinka l-ohra minhabba d-dawl fejn dan jghaqqad ma’ cable li hemm diga lest fi Triq Trux. Is-Sindku spjega li jekk ix-xoghol jibda’ ghaddej kif inhu x-xoghol jitlesta’ sal-festa. Miriam Borg staqsiet jekk hux ser isiru l-isqaqien ukoll fejn is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-istima mill-korporazzjoni ta’ l-ilma peress li din ma kienetx inkluza precedentament. Jekk jibqa’ iz-zmien dawn isiru ukoll qabel il-festa.

Tonio Mifsud staqsa dwar l-offerti tass-servizzi ta’ l-ilma. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jistenna minghand il-Korporazzjoni ta’ l-ilma il-prezzijiet bl-istejjem ta’ l-2021.

Joseph Mizzi qal li hemm persuna Dr. Joseph Caruana li huwa espert fuq l-Astronomija. Is-Sindku talab sabiex dawn id-dettalji jinghataw lis-Segretarju Ezekuttiv.

50.3.4 Is-Sindku semma x-xogholijiet relatati ma' kuntrattur tat-telefonija cellulari fejn bhala Kunsill kien inhareg peress biss ghall-uzu ta' krejn u gheluq tat-triq pero' wara l-Kunsill kien gie avvicinat minghand residenti koncernati. Huwa spjega li kien f'kuntatt mall-kumpanija u li s-sitwazzjoni hija preokkupanti ghax hemm il-biza' li l-installazzjoni tikkoncerna l-5G li minn taghrif jidher li dan jaghmel hsara lill-bniedem ghax ir-raggi jippenetraw aktar. Gie moqrija ukoll ittra li kienet intbghatet mill-MCA. Is-Sindku zied jghid li l-istess kuntrattur tal-istess kumpanija kien qed jitlob permess sabiex isir xoghol fuq antenna ohra li tinsab f'parti ohra tal-lokalita' pero' dan s'issa ma inharigx mill-Kunsill qabel tigi identifikata din is-sitwazzjoni minkejja li hemm insistenza kbira biex jinhareg. Tonio Mifsud qal li bhala 4G ukoll jinhargu hafna raggi pero' gie innotat li 5G ikunu aktar qawwijin. Is-Sindku qal li l-permess li kien inghata kien twaqqaf pero' bhala Kunsill ma nafux ezatt fl-liema stadju kienu waslu ix-xogholijiet u jekk il-5G hux qed jahdem. Joseph Mizzi qal jistax jitressaq ghal zona fejn ma jkunx hemm residenti. Min-naha tieghu l-Vici Sindku staqsa fejn jafu r-residenti li dan huwa 5G jekk lanqas il-Kunsill ma jaf. Gie innotat ukoll li fl-lokalitajiet ohra ma kienx hemm problemi dwar dan. Tkompliet id-diskussjoni dwar kif tista' tinstab soluzzjoni. Is-Sindku qal li din titpogga fejn titpogga xorta ser tkun vicin ir-residenti. Kompla jghid li din tinsab fejn skola fejn it-tfal ikunu weqfin fl-istess post ghal hin twil. Miriam Borg staqsiet jekk din il-materja tistax tigi diskussa mall-avukat fejn is-Sindku spjega li sakemm huwa skond il-ligi xejn ma jista' jsir sakemm ma jkunx xjentifikament provat li qed isir hsara. Wara d-diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-MCA sabiex jigu jiccekkjaw il-livelli ghas-sigurta' u sahha tat-tfal u li jintabu jaghtu r-rizultati bil-miktub fejn jekk ikun jehtieg jinqablu ukoll ma' kumpanija privata. Fir-rigward tal-permess ta' San Pietru il-kunsill qabel li dawn ma jinghatawx ghalissa.

50.3.5 Is-Sindku ssugerixxa sabiex tinhareg sejha ghaz-zmien tas-sajf sabiex jinstab parkegg. Dawk interessati ghandhom jaghtu dettalji dwar prezzijiet u l-interess u kundizzjonijiet taghhom biex jikru. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**50.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

50.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**50.5 Korrispondenza u Rapporti**

50.5.1 Giet trattata email minghand Fr. Edward Vella fejn offra sezzjonijiet ta' *counselling*. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw. Kien spjegat li l-Agenzija Sapport ukoll write interess li tuza il-hub.

50.5.2 Giet trattata korrispondenza cirkulari fir-rigward ta' l-ischool grannies fejn nanniet u genituri jistghu jigu nvolti waqt id-dhul u hrug mill-iskola. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg sejha u ssir kollaborazzjoni mall-iskola.

50.5.3 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tal-Cat Feeders li hemm fi Triq Felic Grech fejn is-sid u l-cat feeders kellhom xi disgwid mas-sid u ma jridx li jibqghu jaghtu l-ikel lill-qtates f' arti li hija tieghu u ghaldaqstant talab li dawn jitharku miz-zona. Miriam Borg qalet li huma perikoluzi ghas-sewwieqa li jkunu ghaddejin min Triq Tumas Cassar. Is-Sindku qal li d-divizjoni tax-xogholijiet kellhom kamra tal-qtates u kienu ser jaghtuha lill-Kunsill fejn min-naha tieghu kellu jissugerixxi post. Sadanittant tista' ssir tabella anke

b'mod temporanju bhal ma sar fil-kaz tal-qniefed fejn tindika li hemm il-qtates fiz-zona. Gie issgerit fejn il-Wied ta' Jodros jew Wied il-Mielah fejn il-bankijiet. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu transferiti fiz-zona ta' Wied il-Mielah fejn il-bankijiet u l-kamra titpogga hemmhekk.

50.5.4 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skemi ta' attivitajiet kulturali, libreriji, Clean up the World u Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Joseph Mizzi li huwa responsabbli mit-tindif biex johorg b'ideja dwar attivita' ghal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jifta' l-applikazzjonijiet tieghu ghal dawn l-iskemi.

50.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand Victor Debrincat dwar tfigh ta' radam fuq art tal-Gvern fiz-zona ta' San Dimitri. Jidher li fiz-zona ta' San Dimitri xi persuni hadu bicca art pubblika u dawruha f'ghalqa b'konsegwenza li din qeghda talaq l-access ghall-art ta' terzi. Huwa talab sabiex il-Kunsill jitlob ghal devoluzzjoni ta' l-art biex issir gnien u hekk jibqa' access. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tintalab devoluzzjoni.

**50.6 Offerti**

50.6.1 Gie innotat li l-offerta tal-panelli kien inharget pero' ma kienx hemm offerti ghaldaqst il-Kunsill qabel li din ghandha terga tinhareg. Is-Sindku semma ukoll li bhalissa fis-suq hemm l-offerta tal-Smart Parking bhala parti mill-progett tal-Permanent Measures tat-Transport Malta.

**50.7 Attivitajiet ta' l-Ghid**

50.7.1 L-attivitajiet tal-Ghid huma dawk li diġà zzemmew fil-laqgha preċedenti li jinkludu l-Kuncert Ligum Vitae b'kollaborazzjoni bejn l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni, l-Infiorata u t-tqassirm tal-figolli.

**50.8 Attivita' Infiorata**

50.8.1 Gie spjegat li dan il-program qieghed jithejja bis-sehem ta' l-Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb fejn qeghdin jintlaqghu l-inviti u jsiru l-arragamenti mehtiega. Aktar dettalji ser jinghataw fil-laqgha li jmiss.

**50.9 Safra Awstraja / Tokyo**

50.9.1 Gie spjegat li fil-jiem li gejjin ser jibda' zjara ufficjali fl-Awstralja fejn ser ikun hemm l-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' Kristu Re u f'Tokyo ser jippartecipaw fil-festival ta' l-Infiorata flimkien mall-Kunsillier Tonio Mifsud u ma' membri tal-Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb

**50.10 Skeda ta' Pagamenti**

50.10.1 L-iskeda tal-Pagamenti gie approvata.

**50.11 Materji ohra**

50.11.1 Ma kienx hemm materji ohra.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**50.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

50.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha 21 ta'  April 2023 fit-9.00am.

50.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.14am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |